FGURA

Minuti tat-tielet laqgħa tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum 9 ta' Settembru 2009 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Chev. D. Marmara` KLJ |
| Kunsillieri: | Is-Sur C.Bonello<br>Is-Sur B.Camilleri<br>Is-Sur S Camilleri<br>Is-Sinjura R.Cutajar<br>Is-Sur P.Dalli<br>Is-Sur M.Lombardo |
| **Deputat Segretarju:** | Is-Sur K.Borg |

Is-Sur A.Degiovanni kien informa li ma setgħax jattendi.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 Approvazzjoni ta' Minuti

**Minuti tal-Laqgħa 3 t'Awissu 2009** – Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tal-laqgħa ta' 3 t'Awissu 2009 kif ippreżentati. Il-minuti tal-laqgħa kienu approvati nem con.

## 2. Korrispondenza

L-ebda korrispondenza ma kienet immarkata.

## 3. Approvazzjoni Purchase Request Forms

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2524/09/6 "Sabiex jiġu approvati l-Purchase Request forms annessi".

Ittieħed vot.

Din kienet sekondata mis-Sur P.Dalli.

Favur – Sindku, Sur B.Camilleri, Sur S Camilleri, Sur C.Bonello, Sur M Lombardo, Sur P Dalli, Sinjura R Cutajar

Kontra – Ħadd

Astenzjoni – Sur A.Debono

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2524/09/6 kienet approvata b'seba' voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

**4. Approvazzjoni Ħlasijiet**

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2525/09/6 "Sabiex jigi approvati l-ħlasijiet annessi.".

Ittieħed vot.

Din kienet sekondata mis-Sur P.Dalli.

Favur – Sindku, Sur B.Camilleri, Sur S Camilleri, Sur C.Bonello, Sur M Lombardo, Sur P Dalli, Sinjura R Cutajar

Kontra – Ħadd

Astenzjoni – Sur A.Debono

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2525/09/6 kienet approvata b'seba' voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

**5. Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku ressaq ittra mibgħuta mir-resident biex jiġi rifus l-ammont ta' €74.56 minħabba żball ġenwin li kien ħa fuq permess ta' scaffolding fil-Fgura. Din kienet approvata.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2526/09/6 "Sabiex toħroġ il-Ħidma għal-Ġieħ il-Fgura u l-avviż tal-influwenza. Jinħareġ avviż biex tfal jiktbu essays bit-tema tal-Fgura. Din bi spiża ta' mhux aktar minn €400" Din kienet sekondata mis-Sur B.Camilleri. Il-mozzjoni ref: 2526/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sindku rigward il-Premju Anzjan tas-Sena 2009 talab lis-Sur S.Camilleri bħala l-Kunsillier responsabbli mill-Anzjani irressaq mozzjoni ref: 2527/09/6 "Biex dan il Kunsill japprova lill-Josephine Ebejer li toqgħod St Thomas str biex tiġi presentata għall-Premju Anzjan tas-Sena." Din kienet sekondata mis-Sinjura R.Cutajar. Il-mozzjoni ref: 2527/09/6 kienet approvata nem con.

**6. Progress ta Ħidma**

Is-Sindku rigward il-kuntratt tal-kerha tat-Tribunal, fuq rakkomandazzjoni tas-Sur S.Camilleri, qal biex tiġi organiżżata laqgħa fis-16 ta Settembru 2009 fil-17:00hrs ma l-avukat tal-Kunsill.

Is-Sur P.Dalli ressaq mozzjoni ref: 2528/09/6 "Sabiex il-Kunsill jixtri Bollards biex jiġu mwaħħla fi ġnien Reggie Miller il-parti ta' Triq Karmelitani bi spiża ta' mhux aktar min €450 euros.". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2528/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sur P.Dalli ġibed l-attenzjoni li rigward id-dawl tal-monument tar-round about ta' ħdejn it-TipTop. Qal li f'dawn iż-żminijiet fejn kulħadd huwa konxju ta' l-enerġija u rigward l-ambjent issuġerixxa li jinġabu stimi ta' dawl solar għal dan il-proġett. Fl-opinjoni tiegħu dan ser jiġi orħos ukoll milli nqabbdu mas-sitema elettrika kif isir normalment.

Is-Sur P.Dalli ressaq mozzjoni ref: 2529/09/6 "Sabiex il-Kunsill jippjana li jagħmel servizzi ġodda, bankina u wiċċ ġdid ta' tarmac fi Triq l-Iskola. Dan ix-xogħol għandu isir fil-vaganzi ta' l-iskola. Sadanittant Kunsill jipprepara għall-offerti minn Triq il-Karmnu sa Triq St. Antnin.". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2529/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sur M.Lombardo ressaq mozzjoni ref: 2530/09/6 "Biex il-Kunsill joħroġ "expression of interest" dwar reklamar ta' roundabouts u postijiet oħra pubbliċi. Dan wara li l-byelaw tidħol fis-seħħ.". Din kienet sekondata mis-Sur A.Debono. Il-mozzjoni ref: 2530/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sur M.Lombardo informa lill-Kunsill li l-BOV ser jorganiżża Community week f'Ottubru li ġej. Fost l-attivitajiet ser issir kampanja ta' tindif. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa u identifika Triq Valperga .

Is-Sur M.Lombardo qal ukoll li għandu l-ħsieb li jagħmel heritage trail tal-Fgura. Aktar dettalji jingħataw f'laqgħat oħra.

Is-Sur A.Debono qal li ser jagħmel laqgha mal-kuntrattur Wilson Mifsud rigward il-Palm tal Fgura.

Is-Sur C.Bonello ressaq mozzjoni ref: 2531/09/6 "Mozzjoni sabiex il-Kunsill Lokali joħroġ sejħa għall-offerti sabiex jinkiseb post ċentrali, b'mod faċli ta' aċċessibilita fejn ikunu jistgħu jitellgħu wirjiet kulturali mill-Kunsill Lokali. Ma dawn il-wirjiet, il-Kunsill ikun ukoll jista jgħamel użu minnu skond in-neċessitajiet li jinqalaw." Din kienet sekondata mis-Sur A.Debono. Il-mozzjoni ref: 2531/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sur C.Bonello ressaq mozzjoni ref: 2532/09/6 "Mozzjoni sabiex il Kunsill Lokali permezz tar-Responsabiltajiet għal Kultura u Wirt Storiku jibda proċess sabiex issir attivita' li tfakkar il-50 anniversarju tal-miġja tal-Istatwa titulari fil-Fgura. Dan billi jidħol f'diskussjoni mal-Patrijiet Karmelitani / Kappillan sabiex issir ċerimonja ta' tifkira tul is-sena 2010."

Wara diskussjoni, is-Sindku issekondat mis-Sur P.Dalli ressaq din l-addenda. "Dan wara li l-Kunsill jiġi mistieden mill-Kappilan jew mill-Komunita Karmelitana."

Ittieħed vot.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Sindku, Sur B.Camilleri, Sur S Camilleri, Sur P Dalli.

Kontra – Is-Sur C.Bonello, Is-Sur A.Debono, Is-Sur M.Lombardo

Astenzjoni – Sinjura R.Cutajar

Il-mozzjoni ref: 2532/09/6 kienet approvata b'erbagħa voti favur, tlett voti kontra u astenzjoni waħda.

Il-mozzjoni ref: 2532/09/6 inkluż l-addenda kienet approvata

Is-Sur C.Bonello ressaq mozzjoni ref: 2533/09/6 "Mozzjoni sabiex taħt ir-responsabilita tal-Kultura u Wirt Storiku il-Kunsill jidħol f'diskussjoni mas-Soċjeta tal-Museum Subien (u jekk ikun il-każ anke sezzjoni bniet) ħalli f' Settembru 2010 ssir ċerimonja ta' tifkira fl-okkażżjoni tal-50 anniversarju mit-twaqqif tas-soċjeta fil-lokal tagħna.".

Wara diskussjoni, s-Sindku issekondat mis-Sur P.Dalli ressaq din l-addenda " Dan wara li l-Kunsill jigi mistieden.".

Ittieħed vot.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Sindku, Sur B.Camilleri, Sur S Camilleri, Sur P Dalli.

Kontra – Is-Sur C.Bonello, Is-Sur A.Debono, Is-Sur M.Lombardo

Astenzjoni – Sur S.Camilleri, Sinjura R.Cutajar

Hawnhekk is-Sindku uza l-Casting Vote. Il-mozzjoni ref: 2533/09/6 inkluż l-addenda kienet approvata.

Is-Sur C.Bonello ressaq mozzjoni ref: 2534/09/6 "Mozzjoni sabiex taħt ir-responsabilita ta' Kultura u Wirt Storiku, il-Kunsill Lokali jitlob lill-Ministru tar-Riżorsi sabiex isiru l-interventi meħtieġa fuq il-Monument tas-Salib u l-madwar. Barra dan għandu wkoll isir kuntatt mal-kommunita tal-Patrijiet Karmelitani sabiex l-irħam oriġinali tal-knisja tal-antika jinqalaw mill-post u jitwaħħlu f' post aktar sigur u minflok issir replika tagħhom". Din kienet sekondata mis-Sur A.Debono. Il-mozzjoni ref: 2534/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2535/09/6 "Sabiex jinxtraw 3 mirja bi spiża ta' mhux aktar minn €750. Waħda minnhom għandha teħel faċċata ta' daħla ta' garaxxijiet biżwit Chain Supermarket fi Triq is-Sur". Din kienet sekondata mis-Sur S. Camilleri. Il-mozzjoni ref: 2535/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sur S.Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2536/09/6 " Li dan il-Kunsill japplika għal-fondi ta' Environment Institution EIPP inkonnessjoni mal-Ġnien taż-żebbuġ u d-daħla tiegħu". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Ittieħed vot.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Sindku, Sur B.Camilleri, Sur S Camilleri, Sur P Dalli, Sinjura R.Cutajar

Kontra – Ħadd

Astenzjoni – Sur A.Debono

Il-mozzjoni ref: 2536/09/6 kienet approvata.

Is-Sur S.Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2538/09/6 "Biex dan il-Kunsill jixtri ktieb li jismu "The Industrial Revolution of Malta" bi spiża ta' mhux aktar minn €25". Din kienet sekondata mis-Sinjura R.Cutajar. Il-mozzjoni ref: 2538/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sur S.Camilleri addotta il-Mozzjonijiet tal-Viċi Sindku u ressaqhom hekk:

Mozzjoni ref: 2539/09/6 "Li titħawwel siġra minflok dik maqlugħa fi Triq Martin Luther King ta' l-istess tip, jiġifieri Gudas Tree, għall-prezz ta' mitt euro." Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2539/09/6 kienet approvata nem con.

Mozzjoni ref: 2540/09/6 "Li jinqalgħu it-tabelli kollha sabiex ma jintremiex żibel, jiġu stampati oħra b'linka li tiflaħ għax-xemx u b'disinn tajjeb. Li l-Kunsill jitlob quotes għal printing bi specifications tal-light-fast colours". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2540/09/6 kienet approvata nem con.

Mozzjoni ref: 2541/09/6 "Li dan il-Kunsill jitlob id-devoluzzjoni ta' għorfa delabitata fil-konfini ta' l-Iskola Primarja sabiex ikun jista' jiżviluppa Mużew ta' l-Istorja Lokali permezz ta' programmi jew skemi ta' fondi". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2541/09/6 kienet approvata nem con.

Mozzjoni ref : 2542/09/6 "Li dan il-Kunsill isemmi l-Wesgħa fi Triq Riħan , Wesgħa Nelson Mandela u jikteb lill-Kumitat Ismijiet tat-Toroq għall-approvazzjoni". Din il-mozzjoni ġiet irtirata.

## 7. Pjan ta' Ħidma

Is-Sindku ċċirkola l-Pjan ta Ħidma 2009 lill-membri sabiex jiġi approvat fil-laqgħa li jmiss.

## 8. Memo 48/2009 Fondi Speċjali

Is-Sur S.Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2537/09/6 "Li dan il-Kunsill jagħmel applikazzjoni ta' fondi speċjali ħalli jkun jista jinizjala il-proġett ta' l-Uffiċċji Amministrattivi mill-aktar fis". Din kienet sekondata mil-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2537/09/6 kienet approvata nem con.

9. **Laqgħa tal-Lokalita'**

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2543/09/7 "Sabiex issir il-laqgħa tal-lokalita nhar it-30 ta' Settembru fis-7pm bi spiża ta' mhux aktar minn €200 fl-iskola tal-Fgura". Din kienet sekondata mis-Sur P.Dalli. Il-mozzjoni ref: 2543/09/7 kienet approvata nem con.

10. **Feedback Bring in Sites**

Is-Sur A.Debono bħala l-Kunsillier responsabbli kellu jinvestiga dawn il-feedbacks.

11. **Quarterly Report**

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2544/09/6 "Sabiex jiġi approvat il-Quarterly Report anness." Din kienet sekondata mis-Sur P.Dalli.

Ittieħed vot.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Sindku, Sur B.Camilleri, Sur C.Bonello, Sur S Camilleri, s-Sinjura R.Cutajar, Sur P Dalli, Sur M.Lombardo.

Kontra – Ħadd

Astenzjoni – Sur A.Debono

Il-mozzjoni ref: 2544/09/6 kienet approvata b'seba' voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

12. **Jum il-Fgura u Ġieħ il-Fgura**

Is-Sur C.Bonello ressaq mozzjoni ref: 2545/09/6 "Il-Kunsill Lokali jaqbel li jorganiżża attivita kulturali u storika fit-tema "Jien Malti" festival ta' ħalib u dak kollu li huwa tradizzjonali Malti bi stima ta €32,500 u li minnhom il-Kunsill lest li joħroġ is-somma massima ta' ħames t'elef Euro. Jekk il-Kunsill ma jiġborx id-differenza bejn l-allokazzjoni tal-Kunsill u s-sussidju tal-iskema, din l-attivita taqa". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2545/09/6 kienet approvata nem con.

13. **Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fl-10.15pm u kienet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 16 ta' Settembru 2009 fis-6.00pm.

____________________ ____________________

Sindku Deputat Segretarju